**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 254 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent**

**Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ahmed Rasem A. Franko maghruf ukoll bhala Franka**

Illum, 23 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Ahmed Rasem A. Franko maghruf ukoll bhala Franka, iben Rasem u Jamilla ne é Gnedy, imwieled il Libja nhar is 26 ta' Settembru, 1986, u detentur tal Karta ta l-Identità bin-Numru 115587 (A), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-Gzejjer nhar it-3 t' Awwissu, 2020, u fix-xahar ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Ikkaguna lil Maria Andrea Gafà biza li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni

msemmija fl-Artikolu-a tenur ta' l-Artikoli 251 B, 251 H (a), (b), (d) u 202 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli nhar it-3 t' Awwissu, 2020, ghall-habta ta' nofsinhar (12:00p.m.) gewwa Seashell Crt., Triq l-Ixprunara, Triq Gdida fi k/m Triq Barthelemy, Marsaxlokk, u / jew fil-vicinanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor a dannu ta' Maria Andrea Gafà u / jew persuni ohra u / jew entitatjiet ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500) izda hi aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250) – a tenur ta' l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u bi storbju – a tenur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. Aktar talli kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b' Digriet datat 14 ta' Mejju, 2018, mill-Onor. Imhallef Edwina Grima LL.D., li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 49, 325 (1) (b), 338 (dd) u 579 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-perijodu ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-ammont komplessiv ta' tletin elf u tmien mitt Euro (€30,800) stabbilit ghall-helsien

mill-arrest ta' l-imputat koncess bid-Digriet datat 14 ta' Mejju 2018, kif in segwitu varjat b' Digriet datat 7 ta' Jannar 2019, jigi konfiskat a favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 579 (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni u filwaqt li irrevokat contrario imperio d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest moghti mill-Imhallef Edwina Grima LL.D. datat 14 ta' Mejju 2018, kif in segwitu varjat mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. b' Digriet datat 7 ta' Jannar 2019, ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Maria Andrea Gafà, Gordon Camilleri u Donalie Camilleri, rabtet lill-imputat b' obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' mitt Euro (€100) ghall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data meta l-imputat jiskonta l-piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija imposta b' din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat giet annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti kienet avzat lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab hati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tieghu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li ghaliha obbligu ruhu tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti però cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat ghas-salvagwardja ta' Maria Andrea Gafà.

Rat ir-rikors tal-appellanti **Ahmed Rasem A. Franko maghruf ukoll bhala Franka** minnu pprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi filwaqt illi TIKKONFERMAHA fejn ma sabitux hati tal-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, THASSARHA U TIRREVOKAHA fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni (2), tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement TILLIBERAH minn kull htija u piena; jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi nhar il-15 ta' Frar 2021 l-appellant ipprezenta rikors fejn qed jitlob li ikun hemm referenza Kostituzzjonali minn din il-Qorti ai termini tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghaliex qed jallega li l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali jorbot idejn il-Qorti u johloq pieni arbitrarji u spoporzjonati. Sostna li l-emenda li dahlet fil-ligi bl-Att VIII tas-sena 2015 qeda tikser il-ligi peress li tali artikolu ma ihalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti dwar jekk ghandhiex tordna l-konfiska tal-flejjes moghtija bhala garanzija jew depositu meta akkuzat ikun inghata l-liberta provisorja *pendete lite*. L-appellant ihoss li tali emenda hija anti Kostituzzjonali u dan ghaliex f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' ksur ta' kundizzjoni moghti f'digriet tal-liberta provisorja il-piena applikabbli hija wahda arbitrarja u sproporzjonata stante li ma hemm l-ebda distinzjoni bejn jekk il-ksur hux ta' konsegwenza serja jew jekk hux ta' portata *de minimis.*

In olte zied ighid li l-materja jekk akkuzat jitressaqx il-Qorti u u jigi akkzuat bir-reat kif dispost fl-artikolu 579 tal-kodici kriminali jew jekk l-ufficcjal prosekutur ghandux jipprezenta rikors fl-atti ta' l-istess kawza.

L-appellant jibbaza il-lanjanza tieghu fuq gurisprudenza kemm lokali kif ukoll dik Ewropeja. L-appellant ghamel referenza ghal dak li intqal li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Gatt vs Malta</u>**[1] fejn f'para 49 u 50 tas-sentenza, l-Qorti tghid li mhux biss ghandu jkun hemm distinzjoni bejn kundizzjonijiet principali u ancillari izda ukoll li wiehed irid joqghod attent li ma jkunx hemm decizjonijiet li jwasslu ghal rizultati arbitrarji u disproprozjonati u li f'dak il-kaz ir-revoka tal-helsien mill-arrest kienet tfisser '*a period of detention of excessive duration vis a vis the obligaton to be fulfilled as a consequence of the breach committed.'*

l-appellant jghamel referenza ukol ghas-sentenza moghtija mill Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>John Grima vs Avukat Genrali</u>**[2] fejn inghad li:-

> *'...meta jigi pruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghal Qorti tiddecidi skont il-gravita tal-kaz, ghandheix tordna li s-spmma kollha jew parti ( kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-gvern ta' Malta. B'dan il-mod,il-Qorti tkun tista tevita li jirrizultaw 'elements of shocking*

[1] App No 28221/08 (ECtHR 27 Ottubru 2010 )
[2] Deciz nhar is-16 ta' Marzu 2011

*disproportiomnality' li kien il-hsieb wara d-decisjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta Lawrence Gatt imsemi u dan konfermament ma dak li jrid l-Artikolu 5 (1) (b) tal Kovenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal Qorti Ewropeja li trid li ghadnu jkun hemm element taproprozjoanita bejn il-privazzjoi tal-liberta u t-twettiq tal obbligu preskritt mill-ligi. Kif inhi l-ligi taghna illum la hemm 'ceiling' ta kemm wiehed jista jehel prigunerija u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita.'*

Di piu l-Qorti tal-Appelli Kriminal fis-sentenza taghha fl-ismijiet **il-Pulzija vs Stefan Muscat**[3] irrilevat li:-

*'Din il-Qorti taqbel li tali piena u coe lkonfiska tal-ammont stabilit fil-helsien mill-arrest taht granzija hija onoruza izda tqis li dinil-Qorti marbuta li timxi ma dak li tipprovdi l-ligi u ghalhekk din il-Qorti mhiex il-forum fejn ghandha tigi attakkata l-ligi u l-proporzjonaita tal-pieni izda jezisti rimedji ohra u cioe rikro quddiem il-Porim awla tal Qorti Civili Sede Kostituzzjonali.'*

Illi din l-Qorti ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **il Pulzija vs Paolo Mercieca**[4] ukoll stqarret li:_

*' l-konsegwenzi tal konfiska jistghu jkunu sproporzjonati meta n-nuqqas ta' tharis ta' kundizzjoni ta' helsien mill-arrest ma tkunx wahda ta' konsegwenza serja, il-Qrti huma marbuta b'dak li illum il-gurnata jipprovdi l-artikolu 579(2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.'*

Ghalhekk proprju fuq dan il-punt kienet ordnat notifika tas-sentenza taghha lil Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Ugwaljanza u Governanza sabiex jigu kunsidrati emendi sabiex il-Qrati jkollhom diskrezzjoni x'piena japplikaw anke taht l-artikolu 579(2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qrati jkunu jistghu jaghtu piena skont il-gravita tal-ksur tal-kundizzjoni tal-helisen mill-arrest stante li certament mhux kul ksur ghandu l-istess konsegwenza u l-konfiska tal-ammont

---

[3]

[4] Deciz nhar il-11 ta Dicembru 2020

stabilit fid-digriet li bih ikun inghata l-helsien mill-arrest jista' jkun sproporzjonat fic-cirkostanzi.

L-Avukat Generali min naha tieghu sostna li kul darba li tqum kwisjtoni kostituzzjonali quddiem Qorti, il-Qorti ma hiex obbligata tghamel tali referenza jekk hija tal-fehma li t-talba hija wahda frivola u vesatorja. L-esercizzju li ghandha taghmel din l-Onorabbli Qorti huwa dak naxxenti mill-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv tal- kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta.

L-Avukat Generali fir-rigward ta' din il-lanjanza partikolari tghid li l-artikolu 579 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li tipprovdi ghal konfiska ma jfissirx li din ghandha tissarraf f'lezjoni kif donnu qed jigi argumentat fir-rikors tar-rikorrenti. Tghid li dan l-artikolu jipprovdi biss ghall konsegwenzi fejn persuna li tkun inghatat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest tkun kisret il-kundizzjonijiet imposta fuqha. Illi ghalhekk dan l-artikolu huwa deterrent sabiex persuna timxi u tottempora ruhha mal-kundizzjonijiet kollha li jigu imposti mill-Qorti u dan fl-ahhar mill-ahhar huwa necessarju ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Id-difiza dan ma tikkontestahx. Li tikkontempla huwa l-fatt li l-piena ghal tali ksur hija sproporzjonata specjalment f'dawk il-kazijiet fejn il-ksur ikun wiehed ta' natura *de minimis.* Illi l-Avukat Generali tittenta jispjega fir-risposta taghha li dan l-kaz ghandu fatti specie differenti minn dak ta' **Gatt v Malta**. Dwar dan din il-Qorti tissottolineja li ma hiex ser tidhol fil-mertu tal-kaz izda qeda biss titratta tali ksur bhala principju u cioe jekk in effetti l-piena li tinghata ghalih hux sproporzjonali .

Illi l-Avukat Generali jikkonkludi billi jenfasizza lil-allegat diskriminazzjoni li jikkontedni r-rikorrenti jirrigwarda l-artikolu 14 tal-konvenzjoni u r-rikorrenti ma hux qed jindika fuq liema kawzali jew stat ir -rikorrenti qed jallega li qieghed jigi diskriminat u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti fuq din biss ghandha tigi michuda .

Illi b'nota prezentata fl-atti mill-Avukat Generali gie esebit abbozz ta' ligi biex jemenda l-kodici Penali fejn fl-artikolu 3 tieghu hemm prospettat li ser isir proprju emenda fl-artikolu 579 sabiex il-Qorti tinghata diskrezzjoni jekk ghandhiex tordna l-konfiska tal-garanziji u depositu li gew ordnati fid-digriet tal-ghoti tal-liberta provisorja

Ikkunsidrat.

Illi dan huwa provvediment moghti fuq talba tad-difiza sabiex din il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni ], tibghat lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-kwistjoni li l-istess difiza qajmet dwar l-allegat ksur ta' whud mid-drittijiet fondamentali tal-imputat.

Il-qorti hija tal-fehma illi dan l-istess ilment tal-appellant dwar il-kontradizzjoni bejn iz-zewg subartikoli tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9, jista' jigi mistharreg ghall-fini tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u dan ghaliex il-kontradizzjoni il hemm fiz-zewg sub artikoli iwaslu inevitabbilment ghal konsegwenzi differenti naxxenti mill-ksur tal-istess kundizzjoni, u dan jimmina c-"*certezza tad-dritt*" li jesigi l-Artikolu 7.

Effettivament, kif tajjeb osservat id-difiza jidher illi f'kaz ta' allegat ksur ta' kundizzjoni stabbilita fil-helsien ghall-arrest, il-prosekuzzjoni ghandha mano libera li taghzel hi minghajr referenza ghal ebda kriterji stabbiliti, jekk tressaqx lill-imputat (a) taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 579 f'liema kaz il-qorti, skont il-gravita` tal-kundizzjoni li gietx imharsa, tista' taghzel li ma tapplika ebda konsegwenza jew li tiggradwa s-serjeta` tal-ksur u timmitiga l-konsegwenzi tieghu, **jew** (b) bir-reat taht is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu, f'liema kaz l-ghoti ta' piena u l-konfiska huma tassattivi f'kull kaz ta' ksur.

Jidher ghalhekk, mad-daqqa t'ghajn, illi m'huwiex possibbli ghalbniedem akkuzat ikun jaf minn qabel liema minn dawn iz-zewg parametri ta' piena tkun applikabbli ghall-kaz tieghu, u dan ghaliex id-decizjoni tiddependi unikament mid-diskrezzjoni tal-prosekutur li jaghzel taht liema subartikolu sejjer iressaq il-kaz dwar l-allegat ksur.

In propositu, il-qorti taghmel referenza fir-rigward ghad-decizjoni ta' **Camilleri v. Malta**[5], fejn il-Qorti Ewropea qieset illi n-nuqqas tal-legislatur illi jirregola skont sett ta' kriterji stabbiliti, id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali taht l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, liema decizjoni tincidi sostanzjalment fuq il-parametri tal-piena applikabbli ghall-istess reat, kien vjolattiv tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni. Intqal hekk in propositu:-

[5] App no 42931/10 (ECtHR 22 ta Jannar 2013)

*"Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied.* ***An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence.*** *The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. [enfasi ta' din il-qorti*]

Taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, il-ligi trid tinstawra certezza u mhux tohloq nuqqas ta' prevedibbilita` bl-ghoti ta' diskrezzjoni. Dan il-principju japplika bis-shih ukoll kwantu ghall-kontradizzjoni evidenti bejn il-pieni previsiti miz-zewg subartikoli tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9, ghaliex l-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghti fid-decizjoni dwar jekk l-imputat mehlus mill-arrest jitressaq taht is-subartikolu (1) jew (2) tal-Artikolu 579 tal-Kap, 9 jista' jwassal ghal arbitrarjeta` dwar l-ghazla ta' liema parametri ta' piena ser jigu applikati ghall-kaz tal-persuna imputata. Fil-kaz odjern, il-parametri tal-piena bejn dak li jistipola s-subartikolu (1) u dak li jistipola s-subartikolu (2) tal-Artikolu 579, filwaqt li huma ferm differenti, huma entrambi applikabbli ghall-istess ksur tal-istess kundizzjoni tal-helsien mill-arrest **minghajr distinzjoni.**[6]

Il-qorti hawhekk taghmel referenza ghall-principju ta' legalita` kif definit minn **Thornstedt**[7] , li fil-qafas ta' dan il-principju, jghid illi l-element diskrezzjonali ma ghandux post fl-amministrazzjoni tal-ligi:-

*"The claim for freedom from discretion implies that the law shall be administered objectively and in accordance with fixed principles."*

Fir-rigward, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali taghha fil-kaz fl-ismijiet **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** , ghamlet referenza ghal stharrig kondott mill-kompjant **Prof. J.J. Cremona f'The Rule of Law as a Fundamental Principle of the European Convention on Human Rights** , fejn inqtal hekk:-

[6] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti
[7] "The Principle of Legality and Teleological Construction of Statutes in Criminal Law", Scandinavian Studies in Law – citata f'Human Rights Law [Prof. Kevin Aquilina] p. 596.

*"**The link between foreseeability and the conferment of discretion is a crucial one**. A law which confers a discretion is not in itself inconsistent with the requirement of foreseeability provided that the scope of the discretion and the manner of its exercise are indicated with sufficient clarity, having regard to the legitimate aim of the measure in question, to give the individual adequate protection against arbitrary interference. (...) **Arbitrariness is the precise antithesis of the rule of law**. In fact the Court has considered that the principle of the rule of law in a democratic society requires a minimum degree of protection against arbitrariness."* [enfasi ta' din il-qorti]

Anke kieku, ghall-mument, tigi prospettata sitwazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni tkun **marbuta** li tagixxi taht entrambi s-subartikoli tal-Artioklu 579 fir-rigward tal-istess ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, din ukoll tista' twassal ghal kontradittorjeta` manifesta u irrikonciljabbli fl-ezitu ghall-appellant kwantu ghall-piena applikabbli ghall-istess ksur.

Il-qorti thoss li ghandha tissenjala wkoll illi ghalkemm huwa stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea l-principju li sabiex tigi ravvizata lezjoni taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, jehtieg bhala pre-rekwizit essenzjali li jkun hemm sejbien ta' htija ta' reat kriminali , ma tistax twarrab dak li jistipola l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni u lanqas dak li ntqal fis-sentenza **Malcolm Said v. Avukat Generali**[8], fejn il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet il-principju li:-

> *"... din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura…"*

Ghaldaqstant, anke billi din hija talba ghal referenza u mhux talba ghal rimedju, il-qorti tibqa' tqis illi ma huwiex semplicement frivolu u vessatorju it-tqanqil ta' dan l-ilment taht l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-qorti tiddikjara illi il-kwistjoni dwar il-ksur ta' drittijiet fondamentali li qed jilmetna minnu r-rikorretni jaqa taht l-Artikolu 5 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

[8] Deciz nahr l-24 ta Gunju 2016

Libertajiet Fondamentali, u taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u din m'hijiex semplicement frivola u vessatorja u timmerita li tigi mistharrga fil-forum opportun u ghaldaqstant, tilqa' t it-talba tad-difiza maghmula fir-rikors taghha tal-15 ta Frar 2021, billi tibghat lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili is-segwenti kwistjoni, sabiex tistabbilixxi:-

1. Jekk l-applikazzjoni legali tassattiva tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali kwantu ghall-piena prevista ghall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat, iwassalx jew x'aktarx tista' twassal ghal rizultat sproporzjonat bi ksur tad-dritt tal-imputat taht l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni; u

2. Jekk id-diskrezzjoni mhollija lill-prosekuzzjoni li taghzel hi minghajr referenza ghal ebda kriterji stabbiliti, jekk tressaqx lill-imputat (a) taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali f'liema kaz il-qorti, skont il-gravita` tal-kundizzjoni li gietx imharsa, tista' taghzel li ma tapplika ebda konsegwenza jew li tiggradwa s-serjeta` tal-ksur u timmitiga l-konsegwenzi tieghu, jew (b) bir-reat taht is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu bil-pieni tassattivi applikabbli indiskriminatament f'kull kaz ta' ksur, kif effettivament ghamlet fil-kaz odjern, liema zewg dispozizzjonijiet johloqu parametri differenti tal-pieni, hijiex leziva jew tistax twassal ghal ksur, tad-dritt tal-imputat sancit fl-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti tordna ghalhekk illi dan il-provvediment jigi komunikat lir-Regsitratur (Qrati Civili u Tribunali) sabiex a tenur tar-regolament 5 tal-Avviz Legalu 279 tal-2012, jibghat minnufih l-atti processwali lill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-sede kostituzzjonali taghha, ghad-decizjoni dwar din ir-referenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur